## ŻEWĠ FRATELLANZI FIL-BIRGU: TAL-VIA SAGRA U TAL-KARITA'

J. F. Porsella-Flores

Daż-żmien il-fratellanzi m'għadhomx numerużi daqs qabel, meta kont issib irġiel miktubin f'aktar minn fratellanza waħda. Fost dawn irrid insemmi tnejn u kif kienu jiċċelebraw il-festa tagħhom sa qrib sebgħin sena ilu fil-parroċċa ta' San Lawrenz fil-Birgu.

*IL-FRATELLANZA TAL-VIA SAGRA* Il-fratelli kienu jilbsu kunfratija ta' kulur aħmar bil-buttuni ħomor minn fuq s'isfel bħal suttana, muzzetta sewda tinqafel bil-buttuni suwed fuq quddiem u barnuża ta' lewn il-kunkunfratija li jilbsuha fuq rashom. Il-festa ta' din il-fratellanza kienert tiġi ċelebrata fil-knisja biss, fir-raba' Ħadd tar-Randan magħruf bħala *laetare* (ifraħ, ifirħu) minn l-ewwel kelma bil-Latin ta' l-introjtu (daħla) tal-quddiesa ta' dak il-Ħadd. Dakinhar kien jista' jindaqq l-orgni fil-knisja. Wara nofsinhar, fi knisja miżgħuda bin-nies, minn fuq il-pulptu kienet issir il-priedka tal-Passjoni kif murija fl-erbatax-il stazzjon tal-Via Sagra li jkun hemm f'kull parroċċa. Waqt il-priedka quddiem kull stazzjon kienu jieqfu tliet fratelli, wieħed bis-salib u wieħed fuq kull naħa bil-fanal jixgħel.

Wara s-seba' stazzjon kien isir intervall biex il-predikatur jistrieħ ukoll. Waqt l-intervall kienet tindaqq biċċa mużika sagra ta' l-okkażjoni. Fit-tmiem kienet tingħata l-barka bil-Veru Linju, relikwa ta' farka mill-injam tas-Salib Imqaddes

*FRATELLANZA TAL-KARITA'* Din il-fratellanza kienet taf il-bidu tagħha fis-seklu sbatax. Il-fratelli kienu jilbsu kunfratija bajda, ċinglu abjad ma' qaddhom, muzzetta kulur krema bil-kelma CHA / RI / TAS fi tliet sillabi fuq xulxin fuq in-naħa tax-xellug, u barnuża bajda. Il-festa tagħhom kienet issir fit-tieni Ħadd ta' Jannar imma maż-żmien inbidlet għat-tieni Ħadd ta' Mejju jew il-Ħadd wara Lapsi. Kienet bdiet drawwa li fil-purċissjoni joħorġu baċiri bil-ħobż li kien jitbierek u wara jitqassam lill-fqar. Wara ftit il-ħobż beda jitqiegħed ġo baċiri mżejna bil-fjuri u frott tax-xema', u minn hawn daħlet id-drawwa li l-baċiri jkunu dekorati. Għadna niftakru kif il-baċiri baqgħu jintramaw bil ħbejżiet. F'nofs il-baċiri kienu jqiegħdu wkoll

statwetta li turi xi simbolu tal-karita. Jingħad li l-fratelli kienu jkunu bl-imħatra bejniethom min ikollu baċir l-aktar imżejjen.

Il-baċiri ma kinux jinżammu fuq l-idejn imma jitqiegħdu fuq ir-ras tar-reffiegħa li fil-purċissjoni kienu joqogħdu maġenb il-fratelli sidien tal-baċiri. Kellhom ukoll id-drawwa li, qabel il-purċissjoni, il-baċiri armati kienu jinħarġu bil-banda fit-toroq mnejn tkun se tgħaddi. Baqa' baċir wieħed biss li għadu jidher fil-mużew tal-parroċċa tal-Birgu.

X'ħasra li ż-żewġ fratellanzi li semmejna spiċċaw u lanqas il-festi tagħhom m'għadhom jiġu ċelebrati!



Il-baċir li fadal tal-Fratellanza tal-Karita li jinsab fil-mużew parrokkjali fil-Birgu. *(ritratt G.Lanfranco 15-II-1992)*